# IT-TIENI SEZZJONI — APPELLI KUMMERĊJALI

21 ta' Frar, 1951.
Imħallfin :
Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Dr. L. A. Camilleri, LL.D.
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Carmelo D'Alfonso *versus* Peter Oliver

**Appell — Sentenza — Nullità — Korrezzjoni — Żball fiċ-Ċitazzjoni — Art. 175 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Il-Qorti ta' l-Appell tista' tordna jew tippermetti l-korrezzjoni ta' żball fl-ismijiet tal-partijiet fin-nota ta' l-appell u fl-iskritturi li jiġu preżentati fit-tieni istanza, imma ma tistax tippermetti dik il-korrezzjoni fl-iskritturi li jkunu jew preżentati quddiem il-Qorti ta' l-Ewwel Istanza.*

*Għaldaqstant sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Ewwel Istanza, li tkun nulla għaliex fiċ-ċitazzjoni u fl-atti susseguenti tal-kawża l-isem tal-konvenut kien indikat ħażin, ma tistax tiġi korretta fl-appell, imma għandha tiġi revokata; għax ma tistax issir il-korrezzjoni tagħha.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ, fejn l-attur talab li l-konvenut jiġi kundannat iħallaslu s-somma ta' £59. 16. 11, kwantu għal £6 bilanċ ta' somma akbar, prezz ta' "amplifier Tudorson" komplit, lilu mibjugħ u konsenjat, u kwantu għal £53. 16. 11 prezz ta' lampi lilu mibjugħa u konsenjati, ta' l-installazzjoni ta' l-'amplifier' u tar-"railing" u "roofing". Bl-ispejjeż, komprizi dawk tal-mandat tal-qbid tad-29 ta' Awissu 1947, u bl-imgħaxijiet kummerċjali ;

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fit-28 ta' Ottubru 1947, li biha, fil-kontumaċja tal-konvenut, it-talba ġiet milqugħa, bl-ispejjeż kontra tiegħu ; wara li kkunsidrat li bil-ġurament ta' l-attur it-talba ġiet ġustifikata ;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut u rat il-petizzjoni tiegħu, fejn talab li l-imsemmija sentenza tiġi revokata, billi

tigi mićhuda t-talba ta' l-attur, peress li sija n-notifika, kemm ukoll is-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti huma nulli, minħabba li l-konvenut gie indikat bħala "Oliver" minflok "Olivieri"; u subordinatament, f'każ ta' rigett ta' din l-eċċezzjoni, it-talba relativa għas-somma ta' £6 tigi mićhuda.........., bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-appellant, qabel kollox, u prinċipalment, qiegħed jibbaża l-appell tiegħu fuq il-pretensjoni li s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti hija nulla, billi ġiet pronunzjata kontra "Peter Oliver", mentri huwa jismu "Peter Olivieri". L-appellat, kif jidher mir-rikors tiegħu fil-*fol. 70*, jammetti li kunjom l-appellant huwa "Olivieri", billi talab li jiġi hekk korrett. F'kliem ieħor, l-appellat jammetti li l-appellant ġie indikat ħażin fl-atti kollha tant ta' l-ewwel kemm ta' dina l-istanza, u qiegħed jitlob il-korrezzjoni in bażi għad-dispożizzjoni ta' l-art. 175 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili;

Ikkunsidrat;

Illi f'każ analogu, fejn flok ma ġie indikat ħażin il-konvenut ġiet indikata ħażin l-attriċi, dina l-Qorti hekk marret tgħid:— "Che secondo la disposizione di detto articolo 202 (il-lum 175) delle suddette leggi, le Corti di seconda istanza possono ordinare o permettere in qualunque tempo fino alla sentenza la correzione di qualunque errore nella nota di appello, nella petizione, nella citazione con la quale l'appello fosse proposto, e nella risposta, compreso qualunque errore nella indicazione della Corte, del nome o delle qualità delle parti, e della data della sentenza appellata. Da questa disposizione chiaro risulta che questa Corte non può ordinare o permettere la correzione di errori nella indicazione del nome o delle qualità delle parti, o di altri errori incorsi nell'atto di citazione col quale fosse iniziata la lite, o in tutt'altri atti di prima istanza, meno che nella nota di appello. E supposto, per grazia di argomento, che gli atti di questa seconda istanza potessero essere corretti nella indicazione del nome della attrice dopo l'eccezione opposta dall'appellante, essa verrebbe a comparire in appello come persona diversa dalla attrice che ha promosso l'azione ed in cui nome è stata pro-

nunziata l'appellata sentenza — ciò che produrrebbe un assurdo procedurale" (Appell 29 ta' Jannar 1923, in re "Balzan vs. Dr. Vassallo", Kollez. Vol. XXV, Parte I, paġ. 338). Fl-istess sens dina l-Qorti ddeċidiet fit-18 ta' Novembru 1921 in re "Theuma vs. Rolando Speranza" (Kollez. Vol. XXIV, parte I, paġ. 872), fejn qalet :— "E' da rilevare che secondo l'ultimo paragrafo di detto articolo 202 (il-lum 175) le Corti di seconda istanza possono ordinare o permettere correzioni di errori nella nota di appello, nella petizione, nella citazione colla quale l'appello fosse proposto, e nella risposta, non già nelle scritture presentate dinanzi le Corti di prima istanza". U l-istess għandu jiġi argomentat mis-sentenza l-oħra mogħtija minn dina l-Qorti fis-6 ta' Diċembru 1927 in re "Pace vs. Sciberras" (Kollez. Vol. XXVI, parte I, paġ. 632);

Ikkunsidrat;

Illi in bażi għall-ġurisprudenza fuq ċitata u għad-dispożizzjoni tat-tieni paragrafu ta' l-art. 175 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, il-korrezzjoni mitluba mill-appellat ma tistax tiġi permessa, u s-sentenza appellata għandha tiġi revokata mingħabba l-indikazzjoni ħażina tal-kunjom ta' l-appellant. Iżda, meħud in konsiderazzjoni l-fattezzi speċjali tal-każ, u ċ-ċirkustanza li l-perizji li saru f'dina l-istanza servew biex jiġu likwidati l-pendenzi bejn il-kontendenti, b'mod li kull wieħed minnhom il-lum jaf x'għandu jieħu jew jagħti, hemm lok li l-kap ta' l-ispejjeż jiġi moderat fis-sens infraskritt;

Għaldaqshekk;

Tirrevoka s-sentenza appellata, mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu r-Re fit-28 ta' Ottubru 1947, billi tillibera l-konvenut appellant mill-osservanza tal-ġudizzju; u tordna illi l-ispejjeż ta' l-ewwel istanza jitħallsu mill-attur appellat, u dawk ta' dina l-istanza mill-kontendenti f'porzjonijiet indaqs.